# MISTOQSIJIET U TWEĠIBIET

*G. S. G.* (TARXIEN) Fil-Malti ma għandniex sura ta' verb li twieġeb għat-Taljan *avere* u għal l-Ingliż *To have*. Il-verb *avere* u *to have*, fil-Malti, jitfisser bħal fl-ilsna Semitiċi bil-partiċelli *għand, bi* għall-present, u bil-partiċella *lil* (*l*)—magħquda mal-verb *kien*—għall-passât, meħmużin fit-tarf tal-kelma mal-pronomi mnisslin. Għalhekk biex infissru l-present ingħidu u niktbu: *Jiena għandi ktieb, bini l-għatx* — u biex infissru l-passât ingħidu u niktbu: *Jiena kelli ktieb*, fejn il-kelma *kelli* mhix ħaġa oħra ħlief *kien, li* magħqudin f'*kelli*.

Bejn il-Għarbi letterarju u l-Malti hemm x'jaqbel u hemm x'ma jaqbilx.

Nieħdu l-Present tal-Għarbi letterarju. Dan jitfisser bil-partiċelli *għinda, magħ, la, bi*, bil-pronomi mnisslin meħmużin magħhom. Kull waħda minn dawn il-partiċelli qiegħda biex tfisser fejn ta' min hi u xinhi l-ħaġa li tinsab *għand* dak li jkun. Il-Malti iktarx ifisser dan kollu bil-partiċella *għand* u f'xi qwiel bil-partiċella *bi*. Imma qatt bit-tnejn l-oħra: *magħ* u *la*. Għalhekk fejn il-Għarbi letterarju jgħid: *Magħha darâhimu*, il-Malti jgħid: *Hi għandha l-flus;* u fejn targa' l-Għarbi jgħid: *Lahu abnun*, il-Malti jgħid: *Hu għandu iben.*

Imma nbagħad fejn il-Għarbi jgħid: *Bihim humûmun* (hanno delle preoccupazioni) il-Malti jgħid ukoll: (Huma) *bihom!* (bil-buri).

Il-*Passât* il-Għarbi letterarju jfissru bil-partiċelli *għinda, magħ, li, bi* meħmużin mal-pronomi mnisslin u qbilhom il-verb *kien* Eż: *kan(a) għindi, kan(a) magħi; kan(a) li.*

Il-Malti il-passat ifissru biss b'waħda minn dawna: bil-partiċella *lil* (*l*) u bil-verb *kien* qbilha: Eż: *Kien-li, kien-lek kien-lu*, imqassrin f'*kelli, kellek, kellu* eċċ.

A. C.